# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta’ nhar il-Ġimgħa, 27 ta’ Jannar 2023**

**Talba Nru: 46/21 JG**
**Numru fuq il-lista: 9**

**Daniel Borg [K.I. 401958(M)] għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ BD Construction Ltd [C43110]**

**Vs**

**Franco Zammit (K.I. 203057(M)) f’ismu personali u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ ZC Installations Ltd (C3075)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat nhar it-12 ta’ Frar 2021,[1] permezz ta’ liema, is-soċjeta’ attriċi,[2] talbet li l-intimati jiġu ddikjarati solidament bejniethom veri,

[1] A fol 1 et seq tal-proċess.
[2] Illi f’dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi in vista ta’ dak li jrid l-Artikolu 181A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li ġie mdaħħal permezz tal-artikolu 90 tal-Att XXIV tas-sena 1995,

ċerti u likwidi debituri tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta €4,324 u konsegwentement, li jiġu ordnati jħallsu l-istess somma lis-soċjeta' attriċi, bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali 2853/20 u bl-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċjali sal-ħlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuti ippreżentata nhar it-22 ta' Marzu 2021,[3] fejn il-konvenuti eċċeppew preliminarjament illi Franco Zammit mhux il-leġittimu kontradittur iżda hija biss is-soċjeta' ZC Installations Ltd li hija l-leġittimu kontradittur. Eċċeppew ukoll, fost l-oħrajn, li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti u li ZC Installations għandha pretensjonijiet għal danni minħabba xogħolijiet magħmula mir-rikorrenti.

Ra x-xhieda bl-affidavit tal-attur flimkien mad-dokumenti hemm preżentati.[4]

Sema' t-trattazzjoni reġistrata tas-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 wara oġġezzjoni da parti tal-konvenuti rigward xhieda li ma kienux inkluzi fil-lista ta' xhieda fl-avviż tat-talba.[5]

Ra d-digriet tas-26 ta' Ottubru 2021, permezz ta' liema t-Tribunal ċaħad l-oġġeżżjoni tal-konvenuti u laqa' t-talba tal-attur biex jinstemgħu x-xhieda indikati minnu.[6]

---

kien ikun biżżejjed li kieku tniżżel l-isem tal-kumpanija u ma kienx hemm il-ħtieġa li jitniżżel isem min qiegħed jirrappreżentaha, anke sabiex jiġi eliminat kwalsiasi dubju dwar f'liema vesti wieħed ikun qiegħed jipproċedi jew ikun qiegħed jiġi mħarrek.

[3] A fol. 6 et seq tal-proċess.

[4] A fol. 16 et seq tal-proċess.

[5] A fol. 34 et seq tal-proċess.

[6] A fol. 38 et seq tal-proċess.

Sema' x-xhieda ta' Daniel Caruana prodott mill-attriċi.[7]

Sema' x-xhieda ta' Jonathan Satariano, rappreżentant tal-Awtorita' ta' Transport Malta, prodott mill-attriċi[8] u ra wkoll id-dokument immarkat bħala Dok. JS li ġie ppreżentat minnu.[9]

Sema' x-xhieda ta' Franco Zammit prodott mill-konvenut.[10]

Sema' x-xhieda ta' Leonard Agius, rappreżentant ta' Alarm Tech Limited prodott mill-konvenut,[11] u ra d-dokument immarkat bħala Dok. LA ippreżentat minnu stess.[12]

Sema' x-xhieda ta' Kevin Charles Busuttil, prodott mill-konvenut.[13]

Ra n-nota tal-attriċi ppreżentata nhar id-9 ta' Ġunju 2022 li biha kkonfermat li ma kellix ħtieġa li tagħmel kontro-eżami ta' Kevin Charles Busuttil.[14]

---

[7] A fol. 44 et seq tal-proċess.
[8] A fol. 52 et seq tal-proċess.
[9] A fol. 47 et seq tal-proċess.
[10] A fol.58 et seq tal-proċess.
[11] A fol. 62 et seq tal-proċess.
[12] A fol. 64 et seq tal-proċess.
[13] A fol. 72 et seq tal-proċess.
[14] A fol. 76 et seq tal-proċess.

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tal-konvenuti, liema trattazzjoni ġiet reġistrata u traskritta, hekk kif ordnat.[15]

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

**Xhieda/Provi**

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Daniel Borg bħala Direttur ta' BD Construction Limited tramite affidavit, li miegħu ġew eżebiti wkoll xi dokumenti li ġew immarkati minn Dok. DB1 sa Dok. DB7. Illi huwa spjega kif f'Marzu 2019 kien ġie avviċinat minn Franco Zammit li jmexxi l-kumpanija ZC Installations Limited u kien talbu jagħmel xi xogħol ta' skavar, tneħħija u tindif ta' materjal fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel, iż-Zejtun. Illi Franco Zammit kien qallu li kien rebaħ tender mill-Malta Industrial Parks u kien hemm ħafna flus u kien qallu li fl-area li kellu jiskava hu kien għaddej cable wieħed biss. Illi huwa spjega kif kienu għaddew ġimgħat u anke xhur u Franco Zammit kien għadu ma ħallasx tax-xogħol magħmul u fil-fatt, meta kien jippressah biex iħallsu, kien iġiblu ħafna

[15] A fol. 79 et seq tal-proċess.

skużi bħal pereżempju li ma jiflaħx. F'dak iż-żmien, Borg xehed li Zammit kien ammetta li t-tender ma kienx rebħu hu imma kien *sub-contractor* ta' Alarmtech Limited. Illi Borg xehed li kien beda jirċievi multi minn Transport Malta minħabba li l-permess kien skada għaliex Franco ma kienx indenja ruħu jkompli x-xogħol u minkejja li Daniel Borg kien spjega lil Transport Malta li ma kienitx xi ħaġa fil-kontroll tiegħu, xorta spiċċa kellu jħallas il-multi hu fl-ammont ta' €450. Huwa xehed ukoll illi kien f'Settembru 2019 li Franco kien lesta x-xogħol li kellu jagħmel pero xorta ma kienx ħallsu la tax-xogħol, la tal-ispejjeż u anqas tal-multi. Daniel Borg xehed li huwa bagħat l-*invoices* lil Leonard Agius, direttur u *shareholder* ta' Alarmtech Limited iżda baqa' bla risposta. B'hekk huwa kien bagħat ittra bonarja bl-avukat lil ZC Installations Limited, Alarmtech Ltd, Malta Industrial Parks u Enemalta li biha talab il-ħlas ta' €4,324. Spjega li kien hemm ukoll laqgħa ma' Franco Zammit u l-avukati tagħhom it-tnejn iżda ma sabux soluzzjoni. Huwa temm billi spjega li għad għandu jieħu mingħand Franco Zammit u/jew mingħand ZC Installations Limited, is-somma ta' €4,324.

Illi xehed ukoll Daniel Caruana prodott mill-attur li spjega kif huwa jaf lil Daniel Borg għaliex Borg kien ħabib ta' missier Daniel Caruana. Daniel Caruana spjega kif Daniel Borg ġieli tah xi xogħol. Huwa spjega kif kien ċempillu Daniel Borg biex jagħmel xi xogħolijiet fil-qasam industrijali ta' Bulebel bejn Marzu u April 2019 u hu kien fil-fatt għamel dawn ix-xogħolijiet mitluba f'madwar ġimgħa, ġimgħa u nofs u tħallas tax-xogħol bir-rata ta' €200 kuljum skont kif kien ftiehem ma' Daniel Borg.

Illi xehed ukoll Jonathan Satariano rappreżentant ta' Transport Malta li spjega kif l-multi li eżebixxa kopja tagħhom ħarġu wara spezzjoni nhar it-30 ta' April 2019 fuq irregolaritajiet ta' xogħol, liema multi inħarġu lil BD Construction Limited.

Huwa xehed li l-multi tħallsu minn BD Construction Limited nhar is-17 ta' Diċembru 2019 b'trasferiment bankarju fl-ammont ta' €450.

Xehed il-konvenut Franco Zammit, in eżami, fejn spjega li huwa direttur ta' kumpanija li tagħmel xogħol ta' *plumbing* u kienu daħlu fuq biċċa xogħol mal-kumpanija AlarmTech li rebħet tender bix tiskava xi partijiet fit-toroq u tbiddel xi apparat ta' tifi tan-nar. Illi huwa spjega kif dan it-tip ta' xogħol kien jirrikjedi kuntrattur li kellu liċenzja biex jiskava t-toroq. Huwa spjega kif qabbdu lil BD Construction Limited li kellha din il-liċenzja u kien jafu qabel għax ġieli ħadimlu xi xogħolijiet. Huwa spjega li dejjem jaġixxi ta' direttur ta' ZC Installations Ltd. Huwa spjega kif meta BD Construction kienet qed taħdem intlaqat *cable* min-naħa tagħha u Tech Mode għamel *claim* minħabba li ma kelliex dawl u kellha twaqqaf il-produzzjoni fil-fabbrika tagħha għal xi ħin. Huwa spjega li kien wera lil BD Construction fejn kellu jiskava izda spjega wkoll li għalhekk ikun tqabbad xi ħadd bil-liċenzja tal-iskavar tat-toroq li suppost ikun jieħu l-prekawzjonijiet kollha skont is-sengħa u l-arti tiegħu. Spjega wkoll li Enemalta kellha ssewwi l-*cable* li intlaqat minn BD Construction Limited u l-ħsarat tħallsu minn Art Tech minħabba li hi kellha l-kuntratt. B'hekk l-elettriku kien ġie lura iżda hemm dannu li Tech Mode qed tfittex lil Zammit, ZC Installations u lil Art Tech tagħhom, iżda spjega li ma hemmx kawża dwar dan. In kontro-eżami, Franco Zammit xehed illi huwa kien irċieva ittra uffiċjali minn BD Construction Limited, fejn ġie mitlub iħallas is-somma ta' €4,320 u spjega wkoll li qatt ma saret xi skrittura bejniethom dwar dan l-ammont.

Illi xehed ukoll Leonard Agius bħala rappreżentant ta' Alarm Tech Limited fejn spjega li huwa jiftakar il-kwistjoni mertu tal-kawża. Huwa spjega kif kienu tqabbdu jagħmlu xi xogħolijiet bħala Alarm Tech inkluż biex jaraw l-fire hydrant

system fiz-zona industrijali ta' Bulebel. Spjega kif kien hemm xi xogħol li kellhom jinkarigaw lil ZC Installations Limited biex jagħmluh. Spjega kif qatt ma ddiskutew li ZC Installations Limited tqabbad lil xi ħadd ieħor biex tagħmel xi xogħolijiet sa fejn jiftakar hu. Qal li kienu ġew informati b'xi danni minħabba li min kien qed iħaffer laqat *cable* tad-dawl u bħala Alarm Tech kienu aċċertaw li l-problema tissolva malajr biex tal-fabbrika jkun jista' jkompli jaħdem. Spjega li kienu irċevew kont minn Enemalta ta' €951.33 u ħallsuh fi ftit ġranet wara.

Xehed ukoll Kevin Charles Busuttil li spjega li huwa managing director u partner ta' Tech Mode li jagħmlu l-molds u jaħdmu fl-inġinerija. Spjega kif il-fabbrika tagħhom tinsab Bulebel, B12A, Bulebel Industrial Estate, Zejtun u kif huwa jaf fuq xix inhi l-kawża in kwistjoni. Huwa spjega li damu madwar 48 siegħa bla dawl meta ntlaqat il-*cable* u kien hemm ringiela sħiħa ta' fabbriki li ġralhom l-istess. Spjega kif meta nqata' d-dawl ċempel l-Enemalta umbad kien tkellem mal-Malta Industrial Parks u għaddewlu l-isem tal-kuntrattur inkarigat u ċioe' ma' Ray minn Alarm Tech li imbagħad għaddih ma' Franco. Huwa spjega kif minħabba li ma kellhomx dawl kellhom iwaqqfu l-operat. Spjega kif saret laqgħa bejnu, Ray u Franco u waslu għas-somma ta' €5000 f'danni. Spjega kif dawk il-flus għad ma tħallsux.

Illi f'dan l-istadju, it-Tribunal jinnota illi ma saru ebda kontro-eżamijiet minkejja li dawn ġew riżervati, għajr għall-kontro-eżami tal-konvenut.

**L-Ewwel Eċċezzjoni**

Illi l-ewwel u qabel kollox, jeħtieġ li dan it-Tribunal jinvestiga l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, li permezz tagħha, ġie eċċepit li Franco Zammit mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża, iżda hija l-kumpanija ZC Installations Ltd li hija l-leġittimu kontradittur.

Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal, jissenjala illi tul dawn il-proċeduri, kien hemm diversi istanzi fejn irriżulta ċar għal dan it-Tribunal illi l-arranġament, kien bejn BD Construction Limited u ZC Installations Limited.[16]

Illi għalkemm, Franco Zammit seta' kien il-persuna fiżika li għamel kuntatt ma' Daniel Borg, fix-xhieda tiegħu, Zammit stqarr bl-aktar mod ċar li kien dejjem jaġixxi bħala direttur tal-kumpanija.[17] It-Tribunal jinnota wkoll li dan ma ġiex ikkontestat mill-kontro-parti la b'kontro-eżami u anqas ma nġabet xi prova kuntrarja li turi mod ieħor.[18]

---

[16] Fil-fatt, dan it-Tribunal jidhirlu li anke l-element ta' *tender*, f'din il-kwistjoni kollha, juru li r-relazzjoni kienet bejn soċjetajiet u mhux persuni naturali *per se*. In oltre', l-email a fol. 24 tal-proċess ippreżentata mill-attriċi stess u mibgħuta mill-avukat tal-attriċi ta' dak iż-żmien, tindika li l-attriċi stess irrikonoxxiet li x-xogħol tat-tender in kwistjoni ġie mgħoddi lil ZC Installations "currently under the administration of a certain Franco Zammit."

[17] A fol. 59 tal-proċess

[18] Illi, kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrana, "*hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament,* ***<u>il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta li f'isem haddiehor</u>***." (enfasi miżjud ta' dan it-Tribunal) Fil-fatt, fl-affidavit ta' Daniel Borg stess, f'punt numru disgħa, Daniel Borg, speċifika li l-ittra bonarja intbgħatet lil "*ZC Installations Limited, Alarmtech Limited, Malta Industrial Parks u lil Enemalta.*"[18] Li kieku l-ftehim kien sar ma Franco Zammit bħala individwu għan-nom tiegħu stess, ċertament li BD Construction kienet tibgħat tali ittra lil Franco Zammit ukoll u mhux biss lil ZC Installations Limited. B'hekk huwa ċar mill-provi li BD Construction Ltd kienet taf li l-arranġament tagħha kien ma' ZC Installations Limited u mhux ma' Franco Zammit personalment.

Illi għaldaqstant, din l-eċċezzjoni hija tajba u għandha tintlaqa', bil-konsegwenza naturali li Franco Zammit għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Mertu**

Illi magħmul ir-riassunt t'hawn fuq, u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, it-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet rimanenti hija dik emerġenti mill-artikoli 1633 sa 1643 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u allura t-Tribunal qiegħed jikkunsidra l-kuntratt ta' bejn il-kontendenti bħala wieħed t'appalt.

Illi t-Tribunal jinnota illi din it-talba, kif magħmula, hija strettament fil-konfront ta' Franco Zammit u ZC Installations Limited. Illi għalhekk, la Alarm Tech Limited u wisq anqas Tech Mode, ma huma partijiet f'din il-kawża. Anqas ma ġiet imressqa xi pretensjoni da parti tal-konvenuti jew min minnhom, b'kontro-talba u għaldaqstant, it-Tribunal iqis li kwalsiasi xhieda mressqa dwar danni inkorsi minn terzi mhux partijiet f'din il-kawża, huma superfluwi għall-kawża odjerna.

Illi essenzjalment, id-difiża tal-konvenuti, kif tidher ukoll mit-trattazzjoni finali tal-abbli difensur tal-konvenuti,[19] hija msejsa fuq it-tpaċija. It-Tribunal jinnota li l-konvenuti għandhom pretensjoni li ma jħallsux l-ammont dovut lil BD Construction Limited għax-xogħol magħmul minnha bl-intiża li jpaċuhom mal-ammont li TechMode qed tfittex li tirkupra f'danni mingħand ZC Installations

[19] A fol. 80 tal-proċess

u/jew Alarm Tech Limited minħabba qtugħ fil-provvista tad-dawl li waqqfitilhom l-operat.

Illi dwar it-tpaċija, jingħad li bħala difiża, *semmai*, din tammonta għal stqarrija ta' rikonoxximent tal-obbligazzjoni ta' ħlas mill-konvenuta versu BD Construction Limited, għaliex tpaċija hija essenzjalment ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja. Biss pero', dan it-Tribunal ma jistax iqis tali difiża, u dan għaliex ma saret l-ebda kontro-talba mill-konvenuti. Għalhekk, ma jistax jiġi meqjus li BD Construction Limited ġiet kanonizzata kreditriċi tal-konvenuta ZC Installations Limited fis-somma pretiża mill-konvenut. In oltre' l-ammont li jidher li qed tippretendi f'danni TechMode mix-xhieda tad-direttur tagħha, huwa ta' €5,000 u għalhekk, mhux fl-istess ammont tal-kreditu pretiż mill-attriċi.[20]

Illi, in oltre', huwa obbligu prinċipali tal-appaltatur li jara li x-xogħol li sejjer iwettaq ikun qiegħed isir utilment għal-kommittent li jkun inkarigah.[21] Minn eżami tax-xhieda, jirriżulta mhux kontestat li x-xogħol li ġiet inkarigata tagħmel BD Construction Limited minn ZC Installations Limited fiż-żona industrijali ta' Bulebel, iż-Żejtun, sar. Anqas ma hemm xejn fl-atti li jista' jagħti x'jifhem lit-Tribunal li x-xogħol magħmul minn BD Construction Limited ma kien ta' ebda

---

[20] Illi kif intqal tajjeb fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija nhar il-25 ta' Novembru 2013, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar id-29 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c vs Raymond Avallone**, "*Certament li wiehed ma jistax jitkellem li dak li qieghed jippretendi l-konvenut huwa kreditu cert, likwidu u dovut. Ghal dak li jikkoncerna tpacija gudizzjali, ma saret l-ebda kontro-talba.*"

[21] F'dan is-sens ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **C & F Building Contractors Ltd vs Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd**, (Ċit Nru: 975/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2012 (mhux appellata). Hija ta' spiss ġustament ċitata s-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et,** (App Ċiv Nru: 532/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009 fejn ġie ritenut hekk: "*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghall principju illi omnia labor, optat premium.*

fejda għall-konvenuta. Għajr għall-fatt li intlaqat *cable* tad-dawl tul dawn ix-xogħolijiet magħmula minn BD Construction Limited, ma hemm xejn in atti li b'xi mod jipprova li x-xogħol li tqabbdet tagħmel BD Construction Limited u ċioe' xogħol ta' skavar, tneħħija u tindif ta' materjal, ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u dan minkejja l-eċċezzjoni f'dan is-sens magħmula mill-konvenuti. Wara kollox, eċċezzjoni, bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni fin-nuqqas tal-prova.[22]

Illi wkoll, ma sar l-ebda kontro-eżami mill-konvenut ta' Daniel Borg u anqas tax-xhieda l-oħra prodotti mill-attriċi, minkejja li dan ġie riżervat.[23]

Illi t-Tribunal jinnota wkoll illi minkejja li ma ġietx ippreżentata kopja tal-fattura fis-somma ta' €3,874, li hija s-somma mitluba mill-attriċi f'din il-kawża

---

[22] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."* Issir referenza wkoll għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Crystal Clean Ltd vs Apparea Ltd,** (App Inferjuri Nru: 124/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Settembru 2022 fejn, bi qbil mat-Tribunal qalet hekk: *"It-Tribunal irrileva li l-oneru tal-prova hawn kien fuq is-soċjetà appellanta u eċċezzjoni bħal fil-każ ta' talba, tibqa' biss allegazzjoni mingħajr il-prova. Dan iktar u iktar fil-każ odjern fejn is-soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li x-xogħol magħmul ma kien ta' ebda utilità għaliha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiskarta dawn il-konsiderazzjonijiet, u tgħid li tikkondividi pjenament il-konklużjoni tat-Tribunal".*

[23] Dwar in-nuqqas ta' kontro-eżami ssir referenza għalll-awturi Richard Glover u Peter Murphy, fl-opra tagħhom **Murphy on Evidence** jgħidu hekk: *"Failure to Cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held techincally to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallened ebidence of a witness called by his oppononet, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine"* – XIII edizzjoni, a fol 632. Utli wkoll issir referenza għass-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs Il-Kontrollur tad-Dwana**, (Rik Nru: 1338/10 MCH), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2017.

(imnaqqsa l-multa ta' Transport Malta fl-ammont ta' €450), dan l-ammont mhux kontestat min-naħa tal-konvenuti, bħala somma, m'hijiex waħda kontestata.

Illi jirriżulta wkoll ampjament provat għal dan it-Tribunal illi BD Construction Limited ħallset il-multi imposti lilha minn Transport Malta fl-ammont ta' €450. B'hekk, it-Tribunal jidhirlu li l-ammont mitlub minn l-attriċi huwa meritevoli li jintlaqa'.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u għalhekk qiegħed jillibera lil Franco Zammit mill-osservanza tal-ġudizzju, jiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-talba attriċi fil-konfront tas-soċjetá konvenuta biss u għalhekk jiddikjara li s-soċjetá konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' erba' t'elef tliet mija u erbgħa u għoxrin Ewro (€4,324) u jikkundanna lill-istess konvenuta tħallas l-ammont ta' erba' t'elef, tliet mija u erbgħa u għoxrin Ewro (€4,324), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-avviż tat-talba sad-data tal-pagament effettiv.[24]

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu in kwantu għal ¾ mill-konvenuta ZC Installations Ltd u ¼ mis-soċjetá attriċi[25].

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[24] It-Tribunal jissenjala illi l-ittra uffiċjali ppreżentata a fol. 30 tal-proċess ma tindikax fedelment li ġiet notifikata u anqas ma hemm prova li saret risposta għaliha, għalhekk, fin-nuqqas ta' din il-prova huwa qed jordna l-ħlas tal-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-avviż tat-talba.

[25] Dan qiegħed jiġi deċiż hekk minkejja dak li jrid l-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex kien ċar li l-konvenut personalment ma kien jaħti xejn.